

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li ebda wieħed mill-kriterji legali għat-triżżejjil tar-rikorrent fil-lista ma huwa ssodisfatt, fuq il-fatt li l-Kunsill wettaq żball manifest meta kkunsidra li xi wieħed mill-kriterji għat-triżżejjil fil-lista ġie ssodisfatt u fuq il-fatt li l-għażla tiegħu hija fondata fuq żball ta' fatt manifest.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma tax-raġunijiet adegwati jew suffiċjenti għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-miżuri kkontestati.
- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma ggarantixxieq id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv tar-rikorrent.
- (4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni tal-Kunsill li tagħżel lir-rikorrent kisret, mingħajr ġustifikazzjoni jew proporzjoni, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż id-dritt tiegħu għall-protezzjoni tal-proprietà tiegħu, tal-impriża tiegħu u tar-reputazzjoni tiegħu.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 58)

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012, tal-15 ta' Ottubru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 16)

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2012 — National Iranian Tanker Company vs Il-Kunsill

(Kawża T-565/12)

(2013/C 55/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: National Iranian Tanker Company (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: R. Chandrasekera, S. Ashley, C. Murphy, Solicitors, u M. Lester, Barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012 <sup>(1)</sup> u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012, tal-15 ta' Ottubru 2012 <sup>(2)</sup>, sa fejn dawk il-miżuri japplikaw għar-rikorrenti;

— tordna li l-annullament għandu jkollu effett immedja u ma jiġix sospiż.

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

- (1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li peress li ma ġie sodisfatt l-ebda wieħed mill-kriterji legali għall-inklużjoni tar-rikorrenti fil-lista, il-Kunsill wettaq żball manifest meta kkunsidra li kien ġie sodisfatt kull kriterju għall-inklużjoni u li ma teżisti l-ebda bażi legali jew fattwali valida għall-inklużjoni tagħha.
- (2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kunsill naqas milli jiprovvdi raġunijiet adegwati jew suffiċjenti għall-inklużjoni tar-rikorrenti.
- (3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kunsill naqas milli jiżgura d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u d-dritt tagħha għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv.
- (4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-rikorrenti kisret, mingħajr ġustifikazzjoni jew proporzjoni, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluż id-drittijiet tagħha għall-proprietà, għan-negozju, u għar-reputazzjoni.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 58).

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 945/2012, tal-15 ta' Ottubru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 282, p. 16).

## Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2012 — PAN Europe u Stichting Natuur en Milieuvs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-574/12)

(2013/C 55/40)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Partijiet

Rikorrenti: Pesticide Action Network Europe (PAN Europe) (Brussełl, il-Belġju) u Stichting Natuur en Milieu (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: F. Martens, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea